**Int Franġisku**

Ħareġ l-aħħar nifs tiegħek
O bniedem umli u kbir,
Għalik hemm lesti l-anġli
Ikantawlek kull tifħir.

Kemm ħarist lil familtek
Għalihom tajt din ħajtek,
Għallimthom wisq iħobbu
U dan wettaqtu b'qalbek.

Bniedem ta' ħlewwa kbira
Mimli galbu u ordnat,
Dejjem fittixt li taqdi
Ġibt l-oħrajn qablek, b'hekk stmat.

Int eżempju għalija
Tajtni kliem mimli kuraġġ,
Mis-sħab iswed li ngħaddi
Għalija kont għalija l-isbaħ raġġ.

Għallimtni naħfer w nagħder
Fakkartni fil-karità,
U bil-kliem ħelu tiegħek
Għallitmni l-fraternità.

Kemm kienet l-għaxqa tiegħi
Li nitolbok tberikni,
U kemm inħossha l-barka
Tiegħek li wisq tweżinni.

Bqajt tħobbna w tieħu ħsiebna
Ridt tibqa' tgħix għalina,
Kont ħarries għaqli w tajtna
Lil Ġesù li jifdina.

Ħieni jibqa' s-skiet tiegħek
Li kien bil-wisq produttiv,
Qalbek marbuta m'Alla
Żammitek ferħan w attiv.

Għażiż Frans, għażiż ħija
Fit-tlajja' u fid-dnewwa,
Niftakar fik w nimtela'
Bil-qawwa u bil-ħlewwa.

Għax int lili turini
Li l-ħajja t-tajba għarbiel,

Li jħalli fih qalb kbira
U jarmi ‘l barra l-inkwiet.

Ħajtek vanġelu mqaddes
Kollha ġenerożità,
Tħoss mal-batut imdejjaq
Moħħha ħa ġġib l-unità.

U bħal Marija għaqli
Dejjem taħseb u tixtarr,
Kif tħalli l’Alla jaħdem
U bik jibni tiegħu d-dar.

F’dan kollu narak tixbaħ
Lil magħruf fqajjar qaddis,
Franġisku li għal Kristu
Qis lid-dinja bħala knis.

Issa li qiegħed tistrieħ
Fis-sema, fi ħdan Kristu,
L-anġli qed ikantawlek:
“Ħuna Frans, int Franġisku!”

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta’ Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.